MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Talba Numru. 125/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Mario Doublet (K.I. 788450M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lill-konvenut jaghti s-somma ta' tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€821.40) in konnessjoni ma' 79742835 (AC51070520), liema servizz gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Mejju 2010; illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni; bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 365/12.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 t'April, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija wiehed u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€821.40) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 365/12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------